**QORTI KOSTITUZZJONALI**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 52**
**Rikors Kostituzzjonali numru: 393/2022/1 TA**

**Renato Zampa, Dolores Anna Zampa, Angela Arrigo, George Preca, Anna Galea Testaferrata, *Getra Limited* (C 9692), Anthony Preca, Maurizio Busuttil, Carmela Busuttil, Albert Grech, Anthony Grech u Joseph Grech**

***v.***

**Avukat tal-Istat; Awtorità tal-Artijiet; u b'dikriet tad-19 ta' Diċembru 2022 il-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann tħalliet tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fit-22 ta' Frar 2024 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li ma qisitx talba tagħhom għal dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"], u

biex jingħataw rimedju xieraq. Sar ukoll appell inċidentali mill-Awtorità tal-Artijiet dwar l-ispejjeż ġudizzjarji.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-atturi separatament jikru mingħand l-Awtorità tal-Artijiet, konvenuta, diversi fondi kummerċjali fil-Belt Valletta. B'ittri ġudizzjarji għall-għanijiet tal-art. 21 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern ["Kap. 573"][1] l-awtorità għarrfet lil kull wieħed minnhom illi kienet qiegħda tħoll il-kiri. Kull wieħed mill-atturi għalhekk fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa biex jikkontestaw id-deċiżjoni tal-awtorità, b'talba għal dikjarazzjoni li dawk l-ittri ġudizzjarji ma jiswewx.

3. Fost ir-raġunijiet tal-kontestazzjoni hemm dik illi l-awtorità mhux sidt l-immobbli mikrija għax, f'kuntratt tal-31 ta' Lulju 2001 fl-atti tan-Nutar Franco Pellegrini, il-Gvern ta' Malta u l-Arċidjoċesi ta' Malta għarfu illi ma jaqblux min minhhom huwa s-sid tal-proprjetajiet mikrija lill-atturi. Għal-hekk l-atturi talbu soprasessjoni tal-proċeduri quddiem it-tribunal sakemm tinqata' l-kwisjoni dwar min hu sid tal-proprjetajiet. It-tribunal, iżda, b'dikrieti tat-28 ta' Marzu 2022 ċaħad it-talba.

4. L-atturi jgħidu illi fid-dikrieti li bihom ċaħad it-talba għal soprasessjoni t-tribunal esprima ruħu dwar il-meritu tat-talba għal dikjarazzjoni ta' nullità tal-ittri ġudizzjarji u hekk ippreġudika t-talba. It-tribunal qal hekk:

> »… iktar minn hekk huwa evidenti li l-Fondazzjoni tikkunsidra lill-Gvern ta' Malta bħala l-entità li għandha dritt li ttemm il-kirjiet viġenti … Għalhekk, fil-fehma ta' dan it-tribunal, anke jekk it-titolu fuq il-fondi in kwistjoni jista' jkun għadu materja kontestata, il-Gvern xorta waħda

1 »**21.** (1) Minkejja kull liġi oħra, l-awtorità kompetenti, tista' f'kull żmien fl-interess tal-pubbliku, tħoll il-kuntratt tal-kiri meta l-kiri jkun sar għal żmien determinat li jkun għadu ma għalaqx.

»(2) L-avviż tal-ħall tal-kirja għandu jsir permezz ta' att ġudizzjarju li jrid jiġi notifikat lill-kerrej «

jista' jaġixxi fir-rigward ta' proprjetà li tinsab fil-pussess tiegħu u amministrata minnu. Ma jistax jiġi kontestat illi meta l-Gvern ikkonċeda l-kirja tal-fond in kwistjoni kien qiegħed jagħmel att ta' amministrazzjoni, liema att qatt ma ġie kkontestat la mill-Amministrazzjoni tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u wisq inqas mill-inkwilin li bbenefika mill-istess kirja. *In vista* ta' dan il-kwadru tal-fatti li ġew ikkunsidrati minnu, it-tribunal ma jara li hemm ebda lok li jissoprassjedi sabiex il-Gvern jew il-Kurja Arċiveskovili jibdew proċeduri kif suġġerit mir-rikorrenti u li r-rikors odjern allura jistenna l-eżitu tal-istess proċeduri sabiex ikompli jiġi mismugħ.«

5. Billi dehrilhom illi b'din id-deċiżjoni t-tribunal ippreġudika l-kawża tagħhom, u għalhekk ħassew illi "illum mhumiex f'sitwazzjoni fejn serenament jistgħu jistennew smigħ xieraq minn tribunal li mhux ġà esprima ruħu fuq il-materja", l-atturi talbu r-rikuża tal-ġudikant. It-tribunal iżda bi provvediment tal-4 ta' Lulju 2022 ċaħad it-talba għal rikuża.

6. L-atturi qegħdin igħidu illi ma huwiex qiegħed jitħares il-jedd tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art 6 tal-Konvenzjoni għal raġunijiet li fissruhom hekk:

»i. L-artikolu 738(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtix lok għal appell minn digriet ghall-rikuża, u għalhekk hemm ksur tal-prinċipju ta' *nemo judex in causa sua*, *stante* illi l-ġudikant jitpoġġa f'sitwazzjoni bl-imsemmi artikolu li mhux biss irid jiddeċiedi fuqu nnifsu dwar jekk għandux jirrikuża ruħu jew le, imma tali deċiżjoni lanqas biss hija sindakabbli minn Qorti tal-Appell, qorti oħra superjuri jew imqar ġudikant ieħor.

»ii. It-tribunal, fid-deċiżjoni tiegħu dwar is-soprasessjoni ġà esprima ruħu b'mod ċar fejn jidher mill-istess deċiżjoni illi l-kawżali in kwistjoni ġà hija deċiża u għalhekk l-esponenti ma jista' qatt ikollhom smigħ xieraq meta t-tribunal, fi stadju daqshekk bikri, ġà għamel il-kunsiderazzjonijiet kollha fuq il-kawżali in kwistjoni u jidher mill-qari tad-deċiżjoni illi mhux ser ikun hemm lok għal tibdil.

»iii. L-artikolu 13 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, li jimponi t-terminu ffissat fl-artikolu 57(2) tal-Kap. 563, ossija terminu ta' sitt xhur min-notifika tar-rikors lill-intimat sabiex tinstema' u tinqata' l-kawża, jilledi d-drittijiet tal-esponenti biex iressqu d-difiża kif imiss meta l-kwistjoni tkun waħda aktar komplikata min-norma, u dan *in vista* ukoll tal-limitazzjonijiet fl-amministrazzjoni tal-Qrati Civili u Tribunali li huma realtà u li l-partijiet iridu jaffaċċjaw ġaladarba f'6 xhur min-notifika jridu jinstemgħu il-provi kollha, kemm tal-esponenti, kif ukoll tal-awtorità intimata, u jrid jifdal

biżżejjed żmien sabiex it-tribunal jagħti d-deċiżjoni tiegħu b'sentenza finali, fil-miftuh.

»iv. L-artikolu 13 tal-Kap. 573 jikkrea *inequality of arms* ġaladarba l-awtorità m'hijiex marbuta biż-żmien biex tiddeċiedi illi tieħu azzjoni, u tista' tipprepara l-każ taghha bil-ħin kollu li jkollha bżonn sakemm tiddeiedi li tieħu azzjoni permezz tal-ittra uffiċjali, u fl-istess waqt, wara li l-istess awtorità tiddeċiedi illi tieħu azzjoni, li tasal bħal sajjetta fil-bnazzi bħal f'dan il-każ, l-esponenti għandhom 20 ġurnata biex iressqu rikors jikkuntestaw l-iżgumbrament, u min-notifika ta' tali rikors il-proċediment kollu jrid jinqata' fi żmien sitt xhur biss.

»v. L-artikolu 13 tal-Kap. 573 jilledi d-drittijiet tal-esponenti għal smigħ xieraq *stante* illi l-ġudikant, meta marbut ma' terminu daqshekk qasir biex jagħti deċiżjoni, m'għandux il-libertà u s-serenità li jaħdem mingħajr xkiel u ndħil, speċjalment ikkunsidrat li dan it-terminu jittieħed f'parti kbira minnu mill-partijiet sabiex iressqu l-provi fejn ironikament, aktar ma jitressqu provi u aktar ma tikkomplika ruħha l-kawża, aktar għandu bżonn żmien it-tribunal biex jevalwa u jiddeċiedi l-kawża, u kkunsidrat ukoll illi l-istess ġudikant għandu, bħala maġistrat fil-qadi ta' dmiru, diversi impenji oħra, kemm ta' natura ċivili, kemm ta' natura kriminali in kwantu l-ġudikant bil-limitazzjonijiet tar-riżorsi offruti għandu wkoll xogħol ieħor ta' natura urġenti, fosthom inkjesti maġisterjali li jirrikjedu attenzjoni immedjata, kumpilazzjonijiet, għases, fost xogħol ieħor.«

7. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara … illi bl-opera tal-artikolu 738(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-artikolu 13 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq tal-esponenti kif protetti bl-artikolu 37 [*recte*, 39] tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

»2. tiddikjara … illi permezz tad-digrieti fil-kawżi fl-ismijiet Grech Joseph *v.* L-Awtorità tal-Artijiet (ref: 126/2021), Renato Zampa *et v.* L-Awtorità tal-Artijiet (ref: 131/2021), Renato Zampa *et v.* L-Awtorità tal-Artijiet (ref: 133/2021) Angela Arrigo *et v.* L-Awtorità tal-Artijiet (ref: 132/2021) *Getra Limited et v.* L-Awtorità tal-Artijiet (ref: 130/2021), Anthony Preca *v.* L-Awtorità tal-Artijiet (ref: 129/2021), Maurizio Busuttil *et v.* L-Awtorità tal-Artijiet (ref: 128/2021), u Albert Grech *et v.* L-Awtorità tal-Artijiet (ref: 127/2021) ilkoll tal-4 ta' Lulju 2022, fejn it-tribunal ċaħad it-talba għar-rikuża ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq tal-esponenti kif protetti bl-artikolu 37 [*recte*, 39] tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

»3. taghti lill-esponenti rimedju xieraq fiċ-ċirkostanzi li din il-qorti jidrilha xieraq u opportun;

»4. tillikwida l-kumpens dovut lill-esponenti għal-leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq tal-esponenti kif protetti bl-artikolu 37 [*recte*, 39] tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

»5. tordna lill-intimat iħallas dak il-kumpens hekk likwidat minn din il-qorti.

»Bl-ispejjeż … … …«

8. L-Avukat tal-Istat ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. Preliminarjament, ir-rikorrenti jilmentaw minn ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq fil-kuntest ta' proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif joħroġ ċar mill-premessi u mit-talbiet tagħhom. Madankollu, huma jinvokaw l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li joffri protezzjoni kontra d-deprivazzjoni ta' proprjeta' mingħajr kumpens, minflok l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan jidher illi huwa żball tal-pinna illi għandu jiġi kkoreġut permezz tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 qabel il-kumplament tas-smigħ ta' din il-kawża, u dan għall-korrettezza u l-integrità tal-ġudizzju.

»2. Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent Joseph Grech ma jidhirx illi għandu interess ġuridiku sabiex jipparteċipa f'dawn il-proċeduri, u dana *stante* illi ma huwiex parteċipi fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva illi qed jilmentaw minnhom ir-rikorrenti.

»3. Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ilmenti tar-rikorrenti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huma għal kollox intempestivi. Il-ġurisprudenza tgħallimna illi, sabiex qorti b'setgħat kostituzzjonali tkun f'qagħda illi tinvestiga jekk proċeduri ċivili kinux konformi mad-dettami tad-dritt ta' smigħ xieraq, tali proċeduri jridu neċessarjament jiġu eżaminati fit-totalità tagħhom u, għaldaqstant, ikunu ntemmu. F'dan il-każ, il-proċeduri għadhom pendenti. L-ilmenti tar-rikorrenti għalhekk huma ipotetiċi għall-aħħar f'dan l-istadju u din il-Qorti ma tistax tasal għal konklużjoni dwar jekk humiex fondati qabel ma tingħata sentenza *res judicata* fl-istess proċeduri.

»4. Assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-esponent jiċħad l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-raġunijiet segwenti illi qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

»5. Iir-rikorrenti jilmentaw illi ma kellhomx dritt għal appell mid-digriet dwar it-talba għar-rikuża tal-ġudikant. Fl-ewwel lok, hija ġurisprudenza stabbilita, anki mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, illi d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantix illi jkun hemm appell minn kwalunkwe deċiżjoni jew digriet ta' qorti. Fit-tieni lok, għalkemm ir-rikorrenti ma kellhomx dritt jappellaw id-digriet tat-tribunal, ir-rikorrenti kellhom xorta waħda l-opportunità illi jitolbu lit-tribunal sabiex jirrikonsidra d-digriet tiegħu, *ai termini* tal-artikolu 229(4) tal-Kap. 12. Għaldaqstant, ġaladarba huma ma wżawx ir-rimedji disponibbli għalihom, jiġi illi huma aċċettaw l-istess deċiżjoni, biex b'hekk ma jistgħux issa jilmentaw dwarha.

»6. Ssafejn ir-rikorrenti jilmentaw illi l-artikolu 738(1) jikser il-prinċipju ta' *nemo judex in causa sua*, tali ilment huwa wkoll infondat. Il-prinċipju surreferit jiggarantixxi illi l-ġudikant ma għandux jippresjedi kawża illi jkollu interess dirett jew indirett fl-eżitu tagħha. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma humiex jallegaw illi l-maġistrat illi tippresjedi t-tribunal

għandha interess personali fl-eżitu tal-kawża tagħhom. Id-deċiżjoni illi ta t-tribunal fir-rigward tat-talba għar-rikuża kienet waħda proċedurali li ma kellha x'taqsam xejn mal-mertu tal-kawża pendenti quddiem l-istess tribunal.

»7. Iir-rikorrenti jilmentaw illi fid-digriet tat-tribunal dwar it-talba għas-soprasessjoni t-tribunal esprima ruħu dwar il-mertu tat-talbiet tagħhom, u dan qabel ma l-partijiet għalqu l-provi tagħhom, biex b'hekk l-istess digriet jikkrea dubju dwar l-imparzjalità tal-istess tribunal sabiex jiddeċiedi l-vertenza pendenti quddiemu. L-esponent jinnega dawn l-allegazzjonijiet. Jidher ċar mill-istess digriet illi t-tribunal bl-ebda mod ma esprima ruħu fuq il-mertu tal-ewwel kawżali tar-rikorrenti. Difatti, filwaqt li l-ewwel kawżali tar-rikorrenti tirrigwarda t-titolu tal-fond in kwistjoni, dak illi ġie spjegat fid-digriet tat-tribunal għat-talba ta' soprasessjoni kien jirrigwarda l-amministrazzjoni tal-istess fond, u mhux it-titolu tiegħu.

»8. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, kienet fl-aħħar mill-aħħar talba tar-rikorrenti stess sabiex it-tribunal jissoprasjedi għaliex il-kwistjoni tat-titolu fuq il-fond kellha tiġi deċiża, skont huma, qabel ma jitkomplew il-proċeduri quddiem it-tribunal. It-tribunal kien fid-dmir illi jinvestiga dik l-allegazzjoni qabel ma jiddeċiedi jekk it-talba għas-soprasessjoni kienitx jew le f'lokha, u sabiex jagħti spjegazzjoni raġġunta għad-deċiżjoni tiegħu. Huwa inaċċettabbli illi r-rikorrenti issa jippruvaw jużaw id-deċiżjoni [li] ingħatat b'risposta għat-talba tagħhom stess.

»9. Assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, anki jekk, għall-grazzja tal-argument, din il-qorti ssib illi t-tribunal diġà esprima ruħu fuq parti mill-mertu tal-kawża u li żbalja f'dan ir-rigward, f'dan l-istadju xorta waħda ma jistax jiġi deċiż illi d-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti ġie leż, għaliex il-proċeduri għadhom pendenti. Jekk huwa minnu illi t-tribunal żbalja fid-deċiżjoni tiegħu, tali żball jista' jiġi nnewtralizzat fil-kumplament tal-proċeduri li għandhom pendenti quddiemu, u li jistgħu jaslu quddiem il-Qorti tal-Appell, mingħajr ma jiġi leż id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq (ara f'dan is-sens Crompton *v.* The United Kingdom, nº 42509/05, QEBD, 27 October 2009, § 79).

»10. Dwar l-ilment tar-rikorrenti fir-rigward tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent jgħid illi tali ilmenti jxeqilbu lejn il-fieragħ.

»11. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma jispjegaw kif it-terminu ta' sitt xhur, liema terminu jiġi infatti sinjifikament itwal għaliex jibda jiddekorri min-notifika tar-rikors promotorju quddiem it-tribunal, iwaqqafhom milli jiddefendu l-kawża tagħhom, ħlief billi jagħmlu dikjarazzjonijiet gratwiti mingħajr sostenn. Il-ġurisprudenza tgħallimna illi t-termini fil-liġi huma essenzjali sabiex ikun hemm ċertezza legali. *Oltre* minn hekk, it-terminu ta' sitt xhur huwa kruċjali f'dan il-każ għaliex il-proċeduri in kwistjoni jissospendu l-iżgumbrament tal-inkwilini mill-fond, *ai termini* tal-artikolu 15 tal-Kap. 573. B'hekk, tali proċeduri jwaqqfu lill-entitajiet governattivi milli jużaw l-istess fond għall-iskopijiet pubbliċi li għalihom ikun qed jiġi mħolli il-kuntratt ta' kiri. Għaldaqstant, ma hemmx lok illi l-proċeduri jitħallew idumu s-snin, bil-konsegwenza illi jbati l-interess pubbliku.

»12. L-*inequality of arms* illi r-rikorrenti jgħidu illi qed isofru hija dikjarazzjoni frivola u vessatorja, għaliex huwa paċifiku illi kwalunkwe proċeduri quddiem qorti jew tribunal għandhom ikunu regolati minn termini stabbiliti fil-liġi, u dan sabiex il-proċeduri jkunu ben regolati u ma jitħallewx idumu wisq. It-terminu ta' għoxrin ġurnata illi jilmentaw minnu r-rikorrenti japplika kważi f'kull proċedura eżistenti quddiem il-qrati ċivili ta' Malta u jagħti biżżejjed żmien sabiex wieħed iressaq id-difiża tiegħu.«

9. L-Awtorità tal-Artijiet ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni mhux l-artikolu idoneju għal dawn il-proċeduri

»*In primis* ir-rikorrenti qed isemmgħu li ġie leż id-dritt ta' smigħ tagħhom iżda qed jikkwotaw artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jittratta protezzjoni minn privazzjoni tal-proprjetà; għalhekk is-sustanza tal-ilmenti menzjonati mir-rikorrenti ma jaqgħux taħt l-artikolu kwotat.

»2. Ir-rimedji ordinarji ma ġewx eżawriti

»… … … li kieku ir-rikorrenti kellhom jittantaw xi tip ta' azzjoni taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ewwel kellhom jeżawrixxu l-azzjonijiet legali spettanti lilhom qabel jintavolaw din il-kawża quddiem din il-qorti.

»*Inoltre* l-proċeduri għadhom pendenti quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattivi, liema proċeduri huma soġġetti wkoll għad-dritt ta' appell ġaladarba jiġu deċiżi. Għalhekk bla dubbju dawn il-proċeduri quddiem din il-qorti huma intempestivi, hekk kif ċertament id-dritt għadu jeżisti quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, u eventwalment quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), jekk id-deċiżjoni tat-tribunal tiġi appellata.

»Bla preġudizzju għal dak li intqal diġa, stante li t-talba tar-rikuża saret biss wara li ġiet u per konsegwenza taċ-ċaħda għat-talba għall-soprasessjoni, id-digriet tas-soprasessjoni seta' ġie appellat ai fini ta' Artikolu 229 (4) tal-Kap 12, illi għalhekk ma ġiex eżawrit ukoll dan ir-rimedju;

»3. Ir-rikorrenti qed jużaw dawn il-proċeduri biex jagħmlu *forum shopping* u jiddelungaw il-proċeduri quddiem il-qrati

»Ir-rikorrenti fetħu dawn il-proċeduri wara li ġiet miċħuda t-talba tagħhom għar-rikuża tal-maġistrat sedenti, liema talba għar-rikuża kienet ibbażata fuq il-fatt li l-maġistrat ħadet deċiżjoni li ma tilqax talba għal soprasessjoni sollecitata mir-rikorrenti fuq dak li allegaw ir-rikorrenti li hemm kwistjoni pendenti bejn il-Knisja u l-Istat fuq il-propjetajiet mertu tal-kawża odjerni quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, liema kwistjoni ma teżistix quddiem il-qrati Maltin permezz ta' xi kawżi pendenti. Għalhekk huwa ċar li r-rikorrenti qed jużaw dawn l-għoddod legali biex it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva ma jiddeċidix.

»4. Ir-rikorrenti qed jilmentaw li t-terminu ta' sitt xhur impost f'Kapitlu 573 … jilledi d-dritt tas-smigħ tagħhom, iżda effettivament dan it-

terminu ma ġiex impost fil-proċeduri odjerni quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva

»Dan l-argument imqajjem mir-rikorrenti hu żgur fallaċi u żgur ma japplikax għal kawżi riferiti f'dan ir-rikors kostituzzjonali u dan għax permezz ta' verbal mogħti mit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva fi-18 ta' Mejju [2022], it-Tribunal tar-Reviżjoni iddeċieda li "*Stante* ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan ir-rikors, it-tribunal jestendi ż-żmien li fih għandha tingħata sentenza sal-15 ta' Novembru 2022". Għal-hekk effettivament it-tribunal, bi qbil bejn il-partijiet, estenda t-terminu għal aktar minn sitt xhur biex tingħata deċiżjoni.

»Fit-terminu ta' sitt xhur impost minn Kapitolu 573 sabiex rikors quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva jiġi deċiż fit-terminu stabilit minn mindu ssir in-notifika tar-rikors, huwa terminu sabiex jiżgura li ma jkunx hemm dwmien fuq każijiet li jinvolvu proprjetajiet u assi tal-Gvern ta' Malta.

»Fil-prattika l-maġġoranza tas-sitt xhur fil-maġġoranza tal-kawżi kontra l-awtorità jiġu użati mir-rikorrent imbagħad l-awtorità jkollha tipprovdi x-xhieda tagħha, kontroeżamijiet u trattazzjoni orali f'seduta waħda.«

10. Għalkemm il-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann daħlet fil-kawża *in statu et* terminis, meta kienu għalqu l-proċeduri bil-miktub, madankollu tħalliet tressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. … … …

»2. Mhux minnu li l-liġi dwar il-proċedura għar-rikuża ta' ġudikant, kif applikabbli u applikata mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fil-kawżi li r-rikorrenti għamlu kontra l-Awtorità tal-Artijiet quddiem l-istess tribunal bid-digriet mogħti mill-istess tribunal fl-4 ta' Lulju 2022 tivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, kif protett bl-art. 39 (mhux l-art. 37 kif erroneament indikat mir-rikorrenti fl-ewwel talba tagħhom) tal-Kostituzzjoni, u bl-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

«Ir-ragunijiet li fuqhom tista' tintalab, u tingħata, ir-rikuza ta' ġudikant huma oġġettivi, u tassattivament elenkati fl-art. 734 tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti bbażaw it-talba tagħhom għar-rikuza tal-ġudikant sedenti fuq l-art. 734(1)(*d*)(i) tal-Kap. 12, li huwa parti-kolarment oġġettiv fil-portata tiegħu – "jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha" – u t-tribunal korrettement ikkonkluda li l-ġudikant sedenti ma wettaq l-ebda wieħed minn dak l-aġir imsemmi. Effettivament, jirriżulta *ictu oculi* li r-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu ma kinux sodisfatti f'dan il-każ, b'mod oġġettiv u mhux suġġettivament kif jallegaw ir-rikorrenti. Aktar minn hekk, il-paragrafu (ii) tal-istess subinċiż ixejjen kull dubju mqajjem minnhom, għaliex jipprovdi ċar li hemm lok għar-rikuza "jekk il-kawża kienet ġà ġiet quddiemu bħala mħallef jew bħala arbitru: Iżda dan ma jgħoddx għal deċizjoni, mogħtija mill-imħallef,

meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li tehles *ab observantia*" (art. 734(1)(*d*)(ii)), Kap. 12).

»Iċ-ċaħda motivata li ta t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva dwar it-talba tar-rikorrenti għas-soprasessjoni ta' dawk il-kawżi sakemm terzi – il-Gvern jew l-awtoritajiet ekkleżjastiċi – jintavolaw kawża biex tiġi determinata kwistjoni li l-istess terzi ddikjaraw bil-ġurament li ma tezistix għaliex ġiet tranżatta b'arranġament milħuq bejniethom konsistenti fit-twaqqif tal-esponenti bil-kuntratt tan-Nutar Franco Pellegrini tal-31 ta' Lulju 2001, ma tagħmilx lit-tribunal mhux indipendenti u imparzjali. Il-motivazzjonijiet dettaljati li ta t-tribunal fid-digriet tiegħu tat-28 ta' Marzu 2022 fl-istess kawżi jissodisfaw anzi d-dritt tal-partijiet fil-kawża li jingħataw raġunijiet sħaħ għad-deċiżjoni.

»3. F'kull każ ukoll, ir-rekwiżiti tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq kif protett bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea jinsabu sodisfatti bil-jedd ta' appell mogħti mil-liġi lit-tellief, fil-kawża quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) (art. 22 *et seq*. tal-Kap. 490, u t-Tieni Skeda).

»4. Kwantu għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti bl-art. 13 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta), in kwantu jistabilixxi terminu ta' sitt xhur għall-konklużjoni ta' proċedimenti intavolati quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva dwar deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet (art. 72(2) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, lanqas dan l-ilment ma huwa ġustifikat għaliex ir-rekwiżit taż-żmien qasir għas-smigħ u d-deċiżjoni tal-proċediment kontenzjuz huwa proprju dirett sabiex jissalvagwardja l-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

»Fil-każ in eżami, jidher ċar mill-atti proċesswali li l-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kienet meqjusa, u t-tribunal ta opportunità sħiħa lill-partijiet kollha fil-kawżi sabiex iressqu l-provi kollha li għażlu li jressqu u jagħmlu s-sottomissjonijiet kollha opportuni, inkluż oralment, qabel ma t-tribunal għadda għad-deċiżjonijiet *pendente lite* tiegħu. Għalkemm il-kawżi ġew intavolati f'Novembru 2021, u l-Awtorità tal-Artijiet ippreżentat ir-risposta tagħha f'nofs Diċembru 2021, it-tribunal żamm diversi seduti fix-xhur ta' wara, sa wara li għalaq it-terminu preskritt ta' sitt xhur, biex ta opportunità sħiħa lill-partijiet jagħmlu l-każ tagħhom dwar it-talba tar-rikorrenti għas-soprasessjoni. Ma jirriżultax li r-rikorrenti talbu li jressqu provi u t-tribunal ċaħad it-talba. Wisq anqas ma jirrizulta li t-tribunal ċaħħad lil xi parti milli tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, jew tiddefendi l-posizzjoni tagħha, minħabba f'dan it-terminu proċedurali.«

»… … …«

11. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba … … …

»Tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba rikorrenti.

»Konsegwentement tiddeklina milli tipprovdi għar-rimanenti talbiet.

»Spejjeż tal-proċedura a karigu tal-intimata awtorità u l-Avukat tal-Istat.«

12. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»L-artikolu 738(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u d-digriet dwar is-sospensjoni

»12. … …… dan l-artikolu jagħmilha ċara li ma hemmx appell minn ċaħda ta' rikuża.

»13. Qabel xejn jiġu soffermati żewġ prinċipji importanti fir-rigward tal-istitut tar-rikuża.

»14. L-ewwel wieħed huwa dak li bħala regola ġenerali ġudikant ma hux mistenni li jirrikuża ruħu jekk mhux fiċ-ċirkostanzi ċari li telenka l-liġi. Artikolu 733 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċarissima li "L-imħallfin ma jistgħux jiġu rrikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqogħdu f'kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqogħdu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara msemmijin".

»15. Jiġifieri r-regola hija projbittiva u dan jagħmel sens, għaliex li kieku kull imħallef ikun jista' jiġi rikużat jew jastjeni b'leġġerezza u liberalità kollha, apparti li l-ġudikant ikun qiegħed jabdika mill-obbligi tiegħu, tkun ukoll qed tiġi mċaħħda ġustizzja ġenerali lis-soċjetà.

»16. It-tieni prinċipju huwa wieħed ġenerali fis-sens li n-nuqqas ta' dritt ta' appell minn ċaħda ta' rikuża ma jikkostitwixxix ksur ta' dritt fundamentali kif imħares mill-artikoli su-indikati. … … … Però jekk l-istat partikolari jipprovdi għal dritt ta' appell, allura l-prinċipji kollha ta' smigħ xieraq għandhom ikunu osservati. Difatti waħda mill-ftit, jekk mhux unika, okkażjoni li taħt ir-reġim tal-liġijiet Maltin huwa ammissibbli appell hu dak *ai termini* tal-artikolu 56(6) tal-Kap. 573 li però mhux applikabbli għall-każ odjern. Iżda tajjeb li jingħad li anke dan l-artikolu jippermetti appell fil-konfront tal-membri tal-Bord [ta' Arbitraġġ dwar Artijiet] u mhux taċ-*chairman* li huwa ġudikant. Affermazzjoni impliċita tal-prinċipju enunċjat fl-artikolu 738(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»17. Jiġi ukoll osservat li l-uniku dritt ta' appell li tirrikonoxxi il-Konvenżjoni huwa dak taħt artikolu 2 tas-Seba' Protokoll … … …

»18. Għalhekk dan id-dritt ta' appell f'materja ċivili ma jeżistix bħala dritt fil-kamp kriminali, għaliex f'dan ċivili, sabiex ikunu rispettati l-artikoli imsemmija jeħtieġ biss li jkunu jesistu is-salvagwardji proċedurali li jaċċertaw smiegħ xieraq (it-test oġġettiv) u li l-ġudikant innifsu jkun integru u idoneju u ħieles minn kull parzjalita' u preġudizzji manifesti (it-test suġġettiv).

»19. Però jista' jagħti l-każ li f'ċertu ċirkostanzi dan id-dritt ta' appell jew reviżjoni ikun meħtieġ biex tidher li qed issir ġustizzja. Fil-każ tal-istitut tar-rikuża ta' ġudikant dwar raġuni li tolqot lilu nnifsu, li mad-daqqa tidher li hija infrazzjoni ta' wieħed mill-prinċipji ta' *nemo judex in causa propria,* bosta huma dawk is-sistemi li jipprovdu għall-appell minn ċaħda bħal din.

»20. Iżda fl-istess ħin il-qorti tħoss li għandha tfakkar li "filwaqt li jrid jitħares il-prinċipju li l-ħaqq irid isir u jidher li qiegħed isir (l-hekk imsejħa 'imparzjalità suġġettiva'), mhux kull suspett jew sensazzjoni ta' parti f'kawża dwar dak li tqis bħala okkażjoni ta' parzjalità fil-ġudikant li quddiemha jkun tressaq il-każ tagħha għandha twassal biex tirnexxi t-talba għar-rikuża ta' dak il-ġudikant" (ara appell kriminali tat-23 ta' Jannar 2001 fil-kawża <u>Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Meinrad Calleja</u> u appell kriminali tal-15 ta' Novenbru 2004 fil-kawża <u>Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah</u>). Għalkemm dan it-tagħlim ġie pronunzjat fi proċeduri kriminali din il-Qorti ma tarax għal fejn ma għandhiex tapplikah ukoll għal kwistjonijiet ta' natura ċivili.

»… … …

»28. Hija sfortuna li llum l-azzjonijiet kostituzzjonali qed jsiru b'mod mill-aktar leġġer …, għal kull ħaġa ta' xejn, daqs li kieku kienu azzjonijiet ordinarji, meta l-azzjoni kostituzzjonali hija speċjali u straordinarja. B'dan il-mod qed tkun svalutata il-ħtieġa ta' din l-azzjoni. Għalhekk ir-regola taħt artikolu 46(2) u 4(1) rispettivament tal-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 illum tikseb importanza aktar minn qabel.

»29. Din ir-regola tiddisponi li "l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra".

»… … …

»31. Għalhekk jinħass kemm jinħass gravi l-ilment ta' min jagħmel azzjoni bħal din, min qed jagħmel dan l-ilment ma hux meħlus minn din ir-regola. Ma hux il-gravità jew is-sensazzjonalismu tal-każ li jiġġustifika l-introduzzjoni ta' azzjoni kostituzzjonali, iżda il-każ fih innifsu u kif ukoll l-osservazzjoni [*recte*, osservaza] ta' din ir-regola. Basta però li l-azzjoni ordinarja tkun tali li tassew tagħti rimedju effettiv u effikaċi b'mod li toqtol għal kollox l-ksur tad-dritt fundamentali. Rimedju alternattiv nieqes minn dan l-aħħar element ma jista' qatt jitqies bħala wieħed konformi ma dak li trid il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

»… … …

»33. Id-dritt li din il-qorti tiddeklina li teżerċita il-poteri tagħha *ai termini* tal-artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u 4 tal-Konvenzjoni jappartjeni lilha mingħajr il-ħtieġa li tkun mistiedna minn xi waħda mill-partijiet biex hekk tiddeklina għaliex din hija regola maħsuba biex tħares l-eżerċizzju ta' azzjoni kostituzzjonali taħt Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni minn xi frivolità jew kif diġà aċċennat meta jkun hemm disponibbli mezzi ordinarji sodisfaċenti oħra biex il-ksur lamentat jiġi indirizzat adegwatament. Prinċipju li huwa wkoll rikonoxxut minn art. 26 tal-Konvenzjoni.

»34. Għalhekk il-qorti fil-każ li għandha quddiemha ħasbet fit-tul dwar dan il-punt.

»35. Kif jippremettu l-istess rikorrenti f'para. 5 tar-rikors tagħhom, il-kawżali involuti f'dawn il-proċeduri hija waħda mill-kawżali fost oħrajn li jissemmew fir-rikorsi promoturi tagħhom quddiem it-tribunal. Il-kawżali

l-oħra hija b'referenza għall-artikolu 21 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta peress li huma jsostnu li dan l-artikolu japplika biss għal kirja li tkun saret "għal żmien determinat li jkun għadu ma għalaqx". Għal-hekk, ir-rikorrenti jargumentaw li l-istess disposizzjoni ma tapplikax għall-kirja tagħhom in kwantu hija protetta mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att X tal-2009.

»36. Difatti, it-tribunal, fost motivazzjonijiet oħra fid-digriet taċ-ċaħda tar-rikuża għamel referenza għal dan il-punt hekk:

> »"Finalment it-tribunal jirrileva illi r-rikorrenti għandhom il-possibiltà li jipproduċu provi dwar l-aggravji l-oħra mressqa minnhom *stante* li l-aggravju dwar it-titolu ma hux l-uniku aggravju mressaq mir-rikorrenti. Ċertament dan it-tribunal ser ikun qiegħed jagħti din il-possibilità liż-żewġ partijiet fiż-żmien konċess minn artikolu 57 tal-Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta."

»37. Issa l-qorti eżaminat l-aggravji l-oħra surreferiti u jidhrilha li, jekk dawn huma fondati, l-eżitu jkun wieħed li jagħti rimedju adegwat u effettiv għaliex jekk tassew, kif għidu huma, li l-proċedura li nbdiet kontra tagħhom hija regolata mill-Kap. 69 tal-Liġijiet il-biċċa tieqaf hawn, salv sottomissjonijet tal-partijiet. Aktar minn hekk anki fir-rigward tal-aggravju l-ieħor, din il-qorti ma tqisx li dan huwa episodju magħluq għaliex, kif qal it-tribunal stess, l-osservazzjonijiet li għamel, għalkemm kien hemm referenzi għat-titlu f'sens ġenerali, kienu iktar jirrigwardjaw il-kwistjoni ta' min jamministra. Il-qorti hija konvinta li t-tribunal xorta waħda se jkun qiegħed jikkonsidra definittivament il-kwistjoni ta min huwa propjetarju b'mod definittiv.

»38. Dan ukoll iwassal għall-argument li ilment ma jistax jittieħed għalih waħdu mingħajr ma jitqies fil-kuntest kollu tal-proċedura, għaliex altrimenti il-proċedura kollha tista' tkun snaturata mill-iskop aħħari tagħha. … … …

»39. F'dan l-istadju, *dato ma non concesso* li t-tribunal tassew esprima ruħu fuq wieħed mill-aggravji, sakemm dan ma għandux riflessjoni fuq l-aggravji l-oħra r-rikorrenti xorta għad għandhom l-opportunità li jippresentaw il-każ tagħhom. Ir-rikorrenti ma jistgħux igħidu biċ-ċertezza li l-aggravji l-oħra ser ikunu miċħuda fid-dawl tad-digriet ta' soprasessjoni.

»40. Fl-aħħar nett il-qorti ma tistax tifhem kif dan kollu wassal sa hawn minħabba talba għas-soprasessjoni, meta din it-talba ma hiex fondata minħabba l-fatt li ma hemm ebda kawża oħra pendenti li l-eżitu tagħha jinċidi fuq il-mertu. Din hija l-unika ċirkostanza li tippermetti s-sospensjoni (u mhux soprasessjoni) taħt il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tant biex jingħad, il-kelma soprasessjoni ma tissemma' imkien fil-Kodiċi tal-Proċedura tagħna.

»41. Għalhekk minħabba r-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti ser tkun qed tiddeklina milli teżerċita s-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tikkonsidra l-ewwel u t-tieni talba rikorrenti.

»L-ilment dwar art. 13 tal-Kap. 573 u t-terminu qasir ta' smigħ

»42. Minkejja li din il-qorti ser tiddeklina li tikkunsidra l-ewwel żewġ talbiet, li ma kienx għall-fatt għal dak li ser jingħad 'il quddiem, it-talbiet l-oħra kienu jippresentaw kwistjonijiet ta' natura legali li jesiġu li xorta jkunu trattati minn din il-qorti. Dan qiegħed jingħad għaliex, fi

kwalunkwe każ, il-kwistjoni ta' żmien qasir għat-trattazzjoni quddiem it-tribunal huwa element li ser jibqgħu jirriskontraw ir-rikorrenti, *stante* li l-proċeduri quddiem it-tribunal, naħa jew oħra, xorta ser jitkomplu. Dak li qegħdin jitolbu r-rikorrenti mhux li jieqfu il-proċeduri quddiem it-tribunal, iżda s-surroga tal-ġudikant għar-raġunijiet fuq imsemmija. Għalhekk, kemm jekk il-proċeduri jkomplu quddiem l-istess ġudikant jew ieħor floku, dan l-ilment huwa wieħed rikorrenti. Sa fejn jirrigwarda dan l-ilment, ir-rikorrenti jibbażawh fuq il-prinċipju ta' parità ta' armi (*equality of arms*). Ma għandu jkun hemm dubju li dan il-prinċipju huwa korrollarju għall-prinċipju fundamentali ta' smigħ xieraq.

»43. Irid ukoll jiġi osservat li bħala regola "t-terminu li tribunal amministrattiv ikollu biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu għandu jkun wieħed raġonevoli skond iċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Id-deċiżjoni għandha tingħata kemm jista' jkun malajr u għal dan il-għan it-tribunal għandu jagħti deċiżjoni waħda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawża kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, proċedurali jew sostantiva". It-terminu ta' sitt xhur huwa wieħed impost biss b'referenza għal xi liġijiet partikolari bħal ma huwa l-każ odjern li jirrigwarda artijiet tal-Gvern.

»44. Ikun ta' għajnuna li l-artikoli kollha rilevanti jiġu riprodotti sabiex jiftehem dak li ser tgħid din il-qorti dwar dan l-ilment partikulari. Artikolu 13 tal-Kap 573 jiddisponi hekk:.

> »"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jqiegħed ir-rikors imsemmi fl-artikolu preċedenti għas-smigħ u jiddeċidih fit-termini indikati fl-artikolu 57(2) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet".

»filwaqt li artikolu 57(2) jiddisponi hekk:

> »"Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jinnotifika l-oġġezzjoni, ippreżentata fir-reġistru tiegħu, fuq il-konvenut jew intimat mingħajr dewmien. Il-konvenut għandu jkollu d-dritt li jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika. It-tribunal imbagħad jiffissa data għas-smigħ fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mill-preżentata tar-risposta mill-konvenut fil-limitu ta' żmien imsemmi jew jekk ebda risposta ma tiġi ppreżentata mill-iskadenza ta' dak iż-żmien. It-tribunal għandu, wara li jappunta r-rikors għas-smigħ, jiddeċiedi fuq il-mertu wara li jirċievi kull xhieda li jidhirlu xieraq, fl-iqsar żmien possibbli, iżda mhux aktar tard minn sitt xhur mill-jum meta l-applikazzjoni tkun ġiet debitament notifikata."

»45. Il-qorti tifhem li din il-limitazzjoni ta' żmien f'din il-proċedura hija maħsuba sabiex ma jkun hemm ebda dewmien minħabba l-interess pubbliku wara d-domanda tal-proprjeta inkwistjoni. Minn naħa l-oħra, din il-qorti lanqas ma tista' tinjora l-interessi tal-individwu, li wkoll jista' jkollu interessi patrimonjali bħal meta l-proprjetà li ser tittieħed ikun ħanut, bħal ma jidher li huwa l-każ tar-rikorrenti.

»46. Ħafna drabi jkun ġustifikat li l-Gvern jingħata ċertu privileġġi proċedurali, għaliex wara kollox dan jaġixxi fl-interessi tas-soċjetà in ġenerali. Huwa għalhekk li l-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta taħt it-titolu ta' *Kawżi Kontra l-Gvern*, minn artikolu 460 *et sequens*, jaħseb għal ċertu proċeduri li mad-daqqa t'għajn iqegħduh f'posizzjoni privileġġjata, għalkemm dawn xorta jridu jkunu applikati fil-qafas ta' smigħ xieraq. Dawn mhux qegħdin hemm biex il-Gvern jgħaffeġ fuq id-drittijiet ta'

ħaddieħor iżda biex il-proċeduri jimxu b'ċelerità u ħeffa li ma għandha qatt tkun konfuża mal-kelma l-oħra odjuża ta' għaġġla.

»… … …

»48. Issa l-qorti eżaminat sewwa l-atti kollha u l-liġi inkwistjoni. Bħala regola ġenerali l-liġi tippreżumi li kull każ huwa bħal ieħor u li kull każ jista' jkun itterminat fi żmien sitt (6) xhur, kompriżi f'dan iż-żmien in-notifka tal-atti, iż-żminijiet għall-għeluq preliminari bil-miktub, il-produzzjoni tal-provi kollha orali u dokumentali, trattazzjonijiet li x'aktarx jkunu bil-miktub u għalhekk iridu jingħataw iż-żmien u fl-aħħar is-sentenza li mhux ser tingħata mil-lum għada (anke t-tribunal irid iż-żmien tiegħu). *Di più* kif jirraġunaw ben tajjeb ir-rikorrenti, it-tribunal huwa presjedut minn maġistrat li ma hiex assenjata biss għal dawn ix-xorta ta' proċeduri iżda għandha volum ta' kull xorta xogħol li trid tlaħħaq miegħu.

»49. Li ma kienx għal dak li ser jingħad, din il-qorti kienet tasal għall-konklużjoni li min ifassal din il-liġi ċertament ma kellux esperjenza ħolistika ta' kif jimxu l-kawżi. Ma jfissirx li din il-qorti trid il-prolungament tal-kawżi; altru. Imma min-naħa l-oħra l-anqas ma trid ma tkunx rejalistika u jingħad li, partikularment f'vertenzi li jridu il-ħsieb, sitt xhur ma humiex rejalistiċi u, fil-kuntest ta' deċiżjonijiet amministrattivi, b'perjodi tant qosra huwa ċ-ċittadin li jkun fi svantaġġ. … … …

»50. Li ma kienx għal dak li ser jingħad aktar 'il quddiem kien ikollhom raġun ir-rikorrenti meta jgħidu li, fil-waqt li l-awtorità għandha ż-żmien kollu biex tagħmel ir-riċerka kollha dwar il-każ u tagħżel hi meta tipproċedi, dan iqiegħed lill-parti l-oħra fi svantaġġ partikularment meta s-sistema tagħna ma tħaddanx il-prinċipju ta' *disclosure*. Infatti l-qorti tinnota li fl-istess kuntratt tal-2001 fir-rigward ta' dawn il-kirjiet jingħad hekk:

> »"Il-fondazzjoni fl-istess perjodu għandha tagħmel studju dwar liema minn dawk il-fondi għandhom jibqgħu jinkrew u liema minnhom għandu jsir sforz biex tiġi terminata l-lokazzjoni u l-fondi jiġu użati għal skopijiet ohra tal-Konkatidral ta' San Ġwann bħala monument. Il-fondazzjoni ghandha tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Gvern ta' Malta bħala Lokatur attwali."

»51. Mill-*affidavit* ta' Dr Hendrick Magro, *senior professional legal officer* fi ħdan l-awtorità intimata, jirriżulta b'mod ċar li kien hemm diversi talbiet fl-imgħoddi li jmorru lura għall-4 ta' Lulju 2003 biex tkun terminata [*recte* ikunu terminati] l-kirjiet mertu ta' din il-proċedura. Fit-18 ta' Frar 2019 saret talba oħra mill-fondazzjoni f'dan is-sens.

»52. B'konsegwenza ta' hekk Dr Hendrick Magro eżamina l-*files* u pprepara *case officer report* għal kull każ fejn spjega l-istorja ta' kull proprjetà u tal-informazzjoni kollha neċessarja kif ukoll ipppreparа żewġ rakkomandazzjonijiet prinċipali fir-rigward tal-*files* kollha. Dan l-uffiċjal dar ukoll kull kuntratt ta' kirjiet relattivi safejn dawn kienu aċċessibbli. Kienet saret ukoll laqgħa meta Albert Mamo kien għadu Kummissarju tal-Artijiet dwar dawn il-vertenzi.

»53. Issa din il-qorti trid tagħmilha ċara li huwa dritt sagrosant tal-awtorità intimata li qabel ma tipproċedi b'kawżi bħal dawn tagħmel xogħolha b'reqqa u diliġenza. Għandha ukoll id-dritt li tieħu ż-żmien tagħha kollu biex tagħmel dan. Fil-fatt li dan kellu jsir huwa magħruf

mill-2001 kif indikat fil-kuntratt inkwistjoni, tant li anke l-fondazzjoni suppost għamlet studju li ċertament ħa ż-żmien tiegħu.

»… … …

»55. Din il-qorti tagħraf li l-vertenza tal-proċeduri bejn il-partijiet tirrigwarda kwistjoni li lanqas ġiet risolta f'mitejn sena aħseb u ara kemm ser ikun hemm soluzzjoni tagħha fi żmien sitt xhur. Il-qorti mhux qed tgħid li ma għandux ikun hemm risoluzzjoni, iżda dan għandu jsir mingħajr ebda waħda mill-partijiet ma titqiegħed fi żvantaġġ proċedurali.

»56. Il-qorti ma tlumx li lill-awtorità intimata li ħadet iż-żmien tagħha biex ħejjiet lilha nnifisha għall-proċeduri legali, iżda lanqas min-naħa l-oħra ma tista' tinjora li f'każ bħal dan, bl-imposizzjoni tat-terminu inkwistjoni, ir-rikorrenti ser ikunu fi svantaġġ anke għaliex parti biss minn dan iż-żmien ser ikun allokat għalihom. Anke l-awtorità intimata trid iż-żmien biex tressaq il-provi. Li din il-qorti ma tara xejn sewwa hu li, fil-waqt li l-awtorità daħlet għal dawn il-proċeduri armata sa snienha, mhux hekk fil-każ tar-rikorrenti. Mhux għaliex huma miżmuma milli jirriċerkaw il-posizzjoni tagħhom iżda għaliex huwa manifestament ċar li fiċ-ċirkostanzi jinsabu marsusin u daharhom mal-ħajt.

»57. *De facto* għall-intimata awtorità l-kawża ilha li ħasbet għaliha minn meta kellhom il-kumdità taż-żmien biex iħejju għaliha. Għar-rikorrenti, bdiet mill-mument li ġew notifikati bil-kawża b'sitt xhur żmien li jridu jikkondividuh mal-parti l-oħra biex iressqu l-każ tagħhom. … … …

»58. Però huwa minnu wkoll li anke l-leġislatur intebaħ li f'ċertu ċirkostanzi dan il-qosor ta' żmien jista' joħloq problema għall-partijiet tant li f'artikolu 81(2) ħasiblu għaliha għaliex iddispona li

> »"F'kull żmien, kull bord, tribunal jew qorti li għandhom kompetenza jisimgħu xi proċedura taħt dan l-Att jistgħu għal raġunijiet serji u neċessarji, permezz ta' digriet jestendu għal perjodu raġonevoli ż-żminijiet li huma imposti fuqhom skont dan l-Att".

»59. Dan ifisser li, għalkemm ir-rikorrenti għandhom raġun dwar il-limitazzjoni taż-żmien impost, l-anqas ma l-liġi ma tagħlaq il-bieb għal kollox tant, li t-tribunal jista' jtawwal raġjonevolment iż-żmien f'każijiet serji u neċessarji. Jekk il-każ tar-rikorrenti huwiex serju u neċessarju, din il-qorti tħalli f'idejn it-tribunal biex jiddeċiedi, iżda trid issir din it-talba lit-tribunal u r-rikorrenti għadhom fiċ-ċans li jagħmluha. Dan ifisser li, qabel ma jagħmlu talba bħal dik li għandha quddiemha din il-qorti, ġaladarba hemm dan ir-rimedju taħt il-liġi, il-qorti għal darba oħra ser ikollha tiddeklina li tisma' dan l-ilment. Jekk imbagħad tiġi miċħuda t-talba tagħhom u jekk ikunu jesistu ċ-ċirkostanzi skont il-liġi, ir-rikorrenti tibqagħlhom dejjem disponibbli l-azzjoni biex jadixxu illi din il-qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha.

»Finalment din il-qorti tħoss li fiċ-ċirkostanzi u għal mod kif hija mfassla din il-liġi l-ispejjeż għandhom ikunu sapportati mill-intimati awtorità u Avukat tal-Istat.«

13. L-atturi appellaw b'rikors tal-5 ta' Marzu 2024. Wieġbu l-Avukat tal-Istat fil-15 ta' Marzu 2024, il-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann fl-20

ta' Marzu 2024 u l-Awtorità tal-Artijiet, b'appell inċidentali, fis-26 ta' Marzu 2024.

14. L-aggravji tal-appell ġew imfissra hekk:

> »Primarjament l-esponenti jħossuhom aggravati bil-fatt illi l-qorti kkunsidrat illi l-esponenti kellhom rimedju ordinarju li setgħu jutilizzaw minflok jinkorru għall-proċeduri kostituzzjonali u għalhekk iddeklinat milli tikkunsidra t-talbiet tal-esponenti.
>
> »Din il-posizzjoni ttieħdet mill-qorti in prim'istanza fuq il-kawżali kollha mressqa mill-esponenti, fejn il-qorti kkunsidrat, għar-raġunijiet differenti, illi l-esponenti kellhom rimedju xieraq li huma messhom ressqu qabel ma ssottomettew ruħhom għall-proċeduri kostituzzjonali.
>
> »Fl-ewwel lok sabiex jiġi kkunsidrat illi jeżisti rimedju effettiv ordinarju, kellu jiġi ppruvat illi r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju li huwa xieraq, aċċessibbli u effettiv. Dan ir-rimedju għandu jkun wieħed effikaċi u li huwa prattiku biex b'hekk id-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq jiġi salvagwardjat.
>
> »Effetivament l-oneru tal-prova illi hemm rimedju xieraq u opportun li r-rikorrenti setgħu iduru għalih flok jintavolaw proċeduri kostituzzjonali kien jinkombi fuq l-intimati li effetivament lanqas biss ressqu din l-eċċezzjoni, imma tressqet mill-qorti *ex officio* fis-sentenza, aħseb u ara kemm inġabet prova jew sottomissjoni illi r-rimedji komuni ser ikunu effetivi, prattiċi u aċċessibbli.
>
> »Huwa minnu li l-intimati ressqu eċċezzjoni illi r-rimedlu ordinarju jeżisti f'dak li għandu x'jaqsam mat-talba għar-rikuża tal-maġistrat, però din l-eċċezzjoni kienet ibbażata fuq allegazzjoni illi r-rimedju huwa talba għar-rikonsiderazzjoni *ai termini* tal-artikolu 229(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li huwa differenti mir-raġuni il-għaliex il-qorti ddeklinat milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali tagħha.
>
> »Tali sentenza hija wkoll manifestament kontra l-impustazzjoni ġurisprudenzjali ta' dawn l-aħħar snin tal-qrati tagħna, fuq spinta ċarissima dwar dan il-punt mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn l-ostakoli għall-ezerċitar ta' rimedji għal ksur ta' drittijiet fundamentali qiegħed dejjem aktar jiġi miftuħ u dejjem anqas ristrett minn eċċezzjonijiet formalistiċi u legalistiċi bħal dawk tal-eżawriment tar-rimedji ordinarji lokali.
>
> »… … …
>
> »Effetivament indipendentament minn jekk kienx jeżisti rimedju ordinarju jew le, din il-qorti, *ai termini* tal-*provisio* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, anki jekk il-qorti tqis illi hemm rimedju xieraq, li fil-kaz odjern ma hemmx, din il-qorti xorta wahda m'hijiex obbligata illi tastjeni milli tisma' l-kawża, u dan għaliex l-istess artikolu issostni illi jekk jinstab rimedju xieraq il-qorti tista tirrifjuta li teżerċita s-setgħet tagħha. Għalhekk din il-qorti għandha d-diskrezzjoni sabiex tagħżel jekk hija għandiex tisma' l-kawża jew le indipendentament minn jekk jeżistux rimedji … opportuni.
>
> »… … …

»*Inoltre*, sabiex din il-qorti tkun tista' tikkonstata jekk kienx hemm rimedju xieraq li setgħu iffitxu r-rikorrenti minflok il-kawża odjerna, iridu jiġu eżaminati t-talbiet tar-rikorrenti u dan fid-dawl tal-fatti ċirkondanti l-kawża, u dan *stante* illi ġaladarba jidher li hemm ksur serju tad-drittijiet fundamentali l-qorti, bħala waħda ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, għandha tkun propensa illi xxaqleb lejn it-twettiq tas-setgħat kostituzzjonali tagħha. … … …

»… … …

»F'dan il-każ li ġara huwa kompletament l-oppost. Il-qorti in prim'istanza, flok għażlet li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha, kif tista tagħmel anki jekk jeżisti rimedju ordinarju xieraq, kkunsidrat *ex officio* li rimedju xieraq jeżisti għal kull kawżali mressqa mill-esponenti.

»Tenut kont ta' dan, irid jiġi determinat jekk effetivament il-kawżali tal-esponenti kinux tali li l-esponenti kellhom tabilħaqq rimedju xieraq effikaċi u effetiv fil-liġi ordinarja li setgħu jużaw minflok dawn il-proċeduri kostituzzjonali. Għar-rigward tal-lanjanza tal-esponenti kkonċernanti l-fatt li l-qorti esprimiet ruħha qabel il-waqt, il-qorti in prim'istanza sostniet illi l-esponenti għandhom rimedju ordinarju *stante* illi t-tribunal ma esprimiex ruħu fuq il-kawżali tal-esponenti kollha imma fuq biss il-kawżali dwar t-titolu u għalhekk dan iffisser illi l-esponenti xorta ser ikollhom smigħ xieraq għaliex dawn il-kawżali jistgħu jiġu aċċettati fis-sentenza tat-tribunal, kif jista' jiġi aċċettat l-argument fuq it-titolu.

»… … … dan l-argument ma jreġix. L-esponenti sa mill-bidu nett tal-proċeduri quddiem it-tribunal dejjem saħqu illi, mingħajr ma jiġi determinat min hu s-sid tal-fondi in kwistjoni, ma tista' qatt tintlaqa' t-talba għall-iżgumrament tal-esponenti. Dan ovvjament għaliex filwaqt li l-Gvern għandu s-setgħa illi jieħu proprjetà lura u jittermina kirja arbitrarjament u mingħajr ma ikun hemm xi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kera, il-privat, inkluż l-entitajiet ekkleżjastiċi din s-setgħa m'għandhomx *stante* illi l-Kap. 573 japplika biss għall-istat. Huwa biss il-Gvern li jista' juża tali setgħa fuq proprjetà tal-istess Gvern. Xejn aktar u xejn anqas. Ħadd, la l-Knisja, la l-Fondazzioni u lanqas kwalsiasi enti privata terza, ma jista' fl-istess nifs juża l-poter tal-Gvern u fl-istess nifs jibqa' jinsisti anke pubblikament u ġuridikament li dik il-proprjetà mhix tal-Gvern. Fi ftit kliem il-poter assolut tal-istat ma jistax jiġi misluf. Jista' jintuża biss mill-Gvern u fuq proprjetà tal-Gvern.

»Effetivament bid-digrieti tiegħu t-tribunal, mingħajr qatt ma ġie interpellat jew mitlub jagħmel hekk, għamilha ċara li ma jaqbilx mal-argument imressaq mill-esponenti fuq kwistjoni, ossija t-titolu tal-proprjetà, li semmai trid tiġi deċiża b'sentenza finali. Il-fatt li l-esponenti għandhom argumenti oħrajn x'iressqu apparti l-kwistjoni tat-titolu ma tnaqqas xejn mill-fatt illi effetivament ittieħdet deċizjoni mit-tribunal qabel waqtha.

»Konsegwentament l-esponenti ihossuhom aggravati meta l-qorti in prim'istanza kkunsidrat illi l-esponenti għadhom ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji tagħhom għaliex il-parti lamentata tad-digrieti mogħtija hija fuq biss aggravju wieħed tal-esponenti u mhux fuq kollha.

»Dan għaliex il-kwistjoni dwar jekk kienx hemm ksur *o meno* tad-drittijiet fundamentali meta t-tribunal esprima ruħu fuq il-kwistjoni tat-titoli ma tistax tiġi rimedjata sempliċiment billi titkompla l-kawża

quddiem l-istess tribunal li skond l-esponenti kellu jirrikuża ruħu għaliex id-deċiżjoni dwar l-argument ewlieni tagħhom ġà ttieħdet qabel il-waqt.

»Fl-opinjoni tal-esponenti dak li kellha tiddetermina l-qorti in prim'istanza huwa:

»i. jekk d-digrieti mogħtija mit-tribunal dwar ir-rikuża jiksrux id-dritt għal smigħ xieraq meta t-tribunal ġà ppronunzja ruħu dwar il-mertu;

»ii. jekk il-fatt li m'hemmx appell minn talba għar-rikuża jiksirx d-dritt għal smigħ xieraq;

»iii. jekk il-fatt illi huwa l-ġudikant stess li jiddetermina jekk għandux jirrikuża ruħu jew le, meta dak li qiegħed jintalab effettivament jissindika l-operat tal-istess ġudikant, jammontax għal ksur tal-prinċipju ta' *nemo judex in causa propria*.

»Ma hemm l-ebda rimedju ordinarju għall-kwistjonijiet u għall-lanjanzi lamentati hawn fuq imsemmija. Jew jeżisti ksur jew le u għalhekk l-esponenti jħossu aggravat bil-fatt illi l-qorti naqset milli tagħti deċiżjoni imma sempliċiment iddeklinat milli tiddetermina jekk hemmx ksur, aktar u aktar meta l-kunsiderazzjonijiet li bdiet tagħmel il-qorti, li l-esponenti jaqblu magħhom, kienu jagħtu x'tifhem illi effettivament dan il-ksur jeżisti u huwa lampanti.

»Dan apparti l-fatt illi effettivament xorta waħda ma ġiex rimedjat il-fatt illi bl-opra tal-liġi kif inhi llum, fejn la hemm appell minn digriet għar-rikuża, anzi huwa pprojbit bil-liġi stess, u l-istess digriet għar-rikuża jiġi determinat mill-ġudikant li sa ċertu punt, meta qed jintalab r-rikuża, ikun qiegħed jigi ssindakat l-operat tal-istess ġudikamt, jiksirx il-prinċipju ta' *nemo judex in causa propria* jew le, ħaġa li ċertament ma hemmx rimedju ordinarju għaliha imma hija kwistjoni ta' natura kostit-uzzjonali għaliex tattakka direttament l-artikolu 738(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Ċertament li l-kawża tista' tkompli u jeżisti appell fl-aħħar tal-pro-ċeduri m'huwiex biżżejjed biex jingħad li hemm rimedju effettiv jew effikaċi *stante* illi l-ksur lamentat mill-esponenti, irrispettivament minn jekk hux fondat jew le, ħa jibqa' preżenti sal-aħħar tal-proċeduri min-flok jiġi determinat fi stadu aktar bikri. Wieħed irid jistaqsi jekk jiġi determinat fl-aħħar tal-proċeduri quddiem it-tribunal li ċ-ċaħda tar-rikuża tammonta għall-lezjoni, x'ikun r-rimedju? Ovvjament in-nullità tal-proċeduri miċ-ċahda 'l quddlem u ordni li jitkomplew quddiem maġistrat iehor. Konsegwentament tali deċiżjoni għalhekk kellha tittieħed f'dan l-istadju biex ii-proċess quddiem it-tribunal jiġi stradat skond id-deċiżjoni meħuda mill-qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha.

»Dan aktar u aktar huwa siewi meta wieħed jaqra l-kunsiderazzjonijiet tal-qorti fis-sentenza tagħha fejn l-istudju li bdiet tagħmel il-qorti kien jimmilita favur it-teżi tal-esponenti l-fejn joħroġ illi effettivament l-esponenti sofrew ksur.

»Dan l-aggravju jgħodd ukoll għall- kunsIderazzionijiet magħmula mill-qorti dwar l-artikolu 13 tal-Kap. 573 u t-terminu qasir tas-smigħ, fejn fl-opinjoni tal-esponenti l-qorti hawnhekk ukoll ma kelliex tiddeklina milli taqta' u tiddeċiedi l-vertenza dwar il-ksur imma semmai kellha

tiddetermina jekk effetivament l-liġi kif imposta tikkrejax ksur tad-drittijiet fundamental għal smigħ xieraq.

»Effetivament huwa minnu li kif oddeterminat il-qorti t-tribunal għandu s-setgħa illi jestendi t-terminu għad-deċizjoni għal raġunjijiet serji u neċessarji *ai termini* tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 573; però dan ma jnaqqasx mill-fatt illi xorta waħda fis-sitwazzjoni odjerna t-termini ffissati jikkrejaw *inequality of arms* u dan bi preġudizzju għad-dritt tal-esponenti għal smiegħ xieraq.

»Effetivament il-kunsiderazzjonijiet dwar l-*inequality of arms* iridu dejjem jigu kkunsidrati fid-dawl tal-mertu li qiegħed jiġi deċiż, ossiia li l-Gvern jista' jiskarta kompletament kirjiet viġenti u jiskarta kompletament ir-relazzoni ta' inkwilin u lokatur valida, u dan mhux għax l-inkwilin b'xi mod jew ieħor kiser il-kundizzjonijet tal-kirja, imma sempliċiment għaliex il-Gven irid il-proprjetà lura, ħaġa li għall-proprjetà privata hija meqjusa legalment impossibbli.

»Il-Gvern, li ġà għandu vantaġġ legali li jista' jitlob l-iżgumbrament anki meta ma hemmx lok għalih, huwa vvantaġġjat ukoll mill-fatt illi wara li jieħu snin biex jipprepara il-każ tiegħu, bħal ma ġara fil-każ odjern, lanqas biss għandu l-oneru tal-prova fuqu, imma jitlob l-iżgumbrament b'sempliċi ittra uffiċjali, li min-notifika tagħha l-esponenti għandhom 20 ġurnata biss biex jippreparaw il-kawża tagħhom u jintavolaw l-appell quddiem it-tribunal meta l-oneru tal-prova effetivament ikun dar fuq l-esponenti. Agħar minn hekk, ir-rikorrenti lanqas biss jistgħu tul il-proċeduri jġibu dawk id-dokumenti neċessarji għad-difiża tagħhom għaliex f'temp ta' sitt xhur min-notifika tal-appell iridu jressqu l-provi huma, iressqu il-provi l-awtorità u tingħata deċiżjoni.

»Illi b'differenza għall-rikors guramentat fejn hemm 20 gurnata biex wieħed jirrispondi, jew f'deċiżjonijiet oħra amministrattivi quddiem it-tribunal fejn għadnhom x'jaqsmu entitajiet oħrajn u l-parti tista' tqabbad l-esperti u l-professjonisti li jidrilha xierqa hi, l-*inequality of arms* hija lampanti *stante* illi l-oneru tal-prova jgħaddi fuq l-esponenti biex juri lit-tribunal li l-Gvern m'għandux d-dritt illi jiżgombrahom mill-fond, liema kawża trid tiġi ppreparata fi zmien qasir u mhux raġonevoli, fatti li mill-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Prim Awla jirriżultaw li huma effetivament leżivi tad-dritt għal smigħ xieraq.

»Għalhekk għalkemm għal sitwazzjonijiet serji u neċċessarji t-tribunal jista' jestendi t-terminu għad-deċiżjoni, il-liġi xorta waħda titfa' pressjoni indebita fuq il-ġudikant biex jiddetermina l-kawża fi żmien anqas minn dak li sitwazzjoni legali kumplikata bħal dik fil-kawża odjerna timmerita. Tant hu hekk li, kif ġie kkunsidrat mill-Prim Awla fid-deċiżjoni tagħha, il-kwistjoni dwar min hu s-sid tal-fondi in kwsitjoni lanqas biss ġiet determinata f'200 sena aħseb u ara kemm jista' t-tribunal jiddeterminaha f'sitt xhur. L-esponenti effetivament imorru *oltre* u dan *stante* illi, jekk il-kwistjoni ma ġietx determinata f'200 sena, kif jistgħu l-esponenti jiġbru l-informazzjoni kollha neċċessarja u provi biżżejjed f'20 ġurnata u ftit seduti biex jissustanzjaw l-argument tagħhom.

»Tajjeb li jingħad li f'dawn t-tip ta' proċeduri l-partijiet *de facto* lanqas biss għandhom il-fakultà li jagħmlu nota ta' sottomissjonijiet dettaljata u studjata, għaliex, jekk ii-proċess irid jitlesta f'6 xhur, ċertament iż-żmien ta' xahar jew sitt ġimgħat kull parti li normalment jingħata għal noti f'kawżi b'mertu 'normali' u mhux b'mertu kumplikat bħal dak

odjern jieħu nofs iż-żmien li fih il-liġi timponi li jiġi pproċessat u deċiż il-każ min-notifika sad-deċiżjoni.

»Dan dejjem irid jittieħed fid-dawl tal-fatt illi l-Kap. 573, li fuqu hija bbażata t-talba għall-iżgumbrament jista' jintuża biss mill-Gvern, u konsegwentament jekk l-esponenti jipprovaw illi l-fondi in kwistjoni m'humiex tal-Gvern imma tal-Kuria jew entità ekkleżjastika oħra jew saħansittra tal-fondazzjoni, it-talba għall-iżgumbrament tisfa fix-xejn.

»Għalhekk l-esponenti jħossuhom aggravati bid-deċiżjoni tal-qorti in prim'istanza *stante* illi r-rimedju li l-qorti dderminat li kellhom l-esponenti fiċ-ċirkostanzi m'huwiex wieħed effettiv u xieraq.

»*Inoltre* l-esponenti jħossuhom aggravati bil-fatt ukoll illi l-ewwel qorti ddeklinat milli tieħu deċiżjoni dwar l-aggravji tal-esponenti u għalhekk f'kull każ dan il-proċess għandu jintbagħat lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tieħu deċiżjoni dwar jekk effetivament l-aggravji mressqa mill-esponenti jammontawx għal ksur jew le tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq u dan sabiex l-ebda parti ma titlef d-dritt tad-*doppio esame*.

»Dan qiegħed jingħad *stante* li. filwaqt li jidher mill-qari tas-sentenza illi l-esponenti kellhom raġun jilmentaw illi l-proċeduri quddiem it-tribunal qegħdin jiksru d-drittijiet fundamentali tagħhom, ħaġa li wieħed jasal jgħid qablet miegħu f'ċerti ċirkostanzi wkoll il-qorti in prim'istanza fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, il-qorti xorta waħda ddeklinat milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha u b'dan la hemm deċiżjoni li tgħid li hemm ksur, u wisq anqas ma hemm deċiżjoni li tgħid li ksur ma jeżistix.

»Għalhekk l-esponenti jħossuhom aggravati bil-fatt illi bid-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel qorti l-partijeit, u mhux l-esponenti biss, għadhom fil-limbu u dan għaliex minkejja l-kunsiderazzjonijiet ġusti u tajbin magħmula mill-qorti in prim'istanza, li fil-maġġor parti tagħhom l-esponenti jaqblu magħhom u jaderixxu mar-raġunament studjat magħmul mill-ewwel qorti, xorta waħda ma hemmx deċiżjoni jekk kienx hemm ksur *o meno*.

»Fil-fehma tal-esponentil-fatt jekk hemmx ksur jew le m'għandux jiġi determinat minn din il-qorti imma semmai l-proċess għandu jintbgħat lura quddiem ii-Prim Awla sabiex il-qorti tagħti deċiżjoni dwar jekk kienx hemm ksur *o meno* u b'hekk d-dritt tad-*doppio esame* mhux tal-esponenti imma tal-partijiet kollha fil-kawża jiqba' impreġudikat għaż-żewġ partijiet.«

15. Qabel xejn tajjeb li nfakkru illi l-ilmenti tal-atturi huma: i. illi t-tribunal bid-dikrieti taċ-ċaħda tat-talba għal soprasessjoni ġà ppreġudika parti mill-meritu qabel ma nstema' kulma kellhom xi jgħidu l-atturi dwar hekk, u b'hekk ċaħħadhom mill-jedd li jinstemgħu qabel id-deċiżjoni finali; ii. illi biċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' rikuża l-ġudikant effettivament sar *iudex in causa propria*, u iii. illi ż-żmien ta' sitt xhur bejn in-notifika u d-deċiżjoni

finali talt-tribunal ma jħallix żmien biżżejjed għall-istruzzjoni sħiħa tal-każ u b'hekk ukoll iċaħħad lill-atturi milli jinstemgħu dwar dak kollu li hemm x'jingħad dwar il-meritu.

16. Din il-preċiżazzjoni qiegħda ssir għax fir-rikors tal-appell l-atturi qegħdin ifittxu li jdaħħlu lmenti ġodda – partikolarment illi ż-żmien ta' għoxrin jum min-notifika tal-ittra ġudizzjarja biex issir oppożizzjoni b'rikors, taħt l-art. 12(1) tal-Kap. 573, ma huwiex żmien biżżejjed għat-tħejjija tad-difiża. Dan l-ilment iżda ma kienx parti mill-meritu quddiem l-ewwel qorti.

17. Ngħaddu mela għall-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji safejn dawn jolqtu l-meritu quddiem l-ewwel qorti, u partikolarment dwar jekk l-ewwel qorti kellhiex tagħti deċiżjoni dwar l-ilment tal-atturi flok tagħżel li ma tinqediex bis-setgħa tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea biex tistħarreġ dwar l-ilment.

18. Korollarju tal-prinċipju tal-preferenza għar-rimedju ordinarju, fil-kuntest tad-dritt għal smigħ xieraq, hu illi biex tara tħarisx jew inkisirx dak id-dritt trid tqis il-proċess sħiħ u mhux episodji isolati, għax jista' jkun illi l-eżitu finali jkun favur min jagħmel l-ilment u għalhekk l-eżami ta' episodju partikolari fejn jista' jkun li seħħet xi irregolarità jkun għal kollox akkademiku.

19. Dan ikun aktar urġenti f'każ bħal dak tallum, fejn jidher wisq ovvju illi t-tqanqil tal-kwistjoni oriġinali għal soprasessjoni sakem ikun determinat it-titolu sar inutilment ladarba s-setgħat taħt il-Kap. 573 jolqtu mhux biss art li hija proprjetà tal-Gvern iżda wkoll art li, għalkemm jista' jkun li ma tkunx proprjetà tal-Gvern "tinsab fil-pussess jew hija miżmuma jew amministrata

mill-Gvern"[2]. Li tistenna sakemm tinqata' kwistjoni – li, inċidentalment, ma jidhirx li tressqet quddiem qorti u għalhekk ma hemm ebda indikazzjoni dwar meta sejra tinqata' – li hija irrelevanti għall-meritu ma huwiex ħlief ħela ta' ħin. Li issa jkompli jinħela ħin f'eżami inutli dwar jekk seħħetx xi irregolarità fiċ-ċaħda tat-talba għal soprasessjoni – talba li qatt ma messha saret – u tat-talba għal rikuża jista' jkun biss ta' interess għal min mill-partijiet irid li l-proċeduri jitwalu u jintilfu fi kwistjonijiet kollaterali nieqsa minn relevanza.

20. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew illi għażlet li ma tinqediex bis-setgħat tagħha li tistħarreġ dwar ilment ta' ksur ta' drittijiet fundamentali fejn id-deċiżjoni dwar il-meritu ewlieni tal-proċeduri quddiem it-tribunal – jekk l-ittri ġudizzjarji jiswewx għal dak li tgħid u trid il-liġi – għadha miftuħa u, aktar minn hekk, meta tinqata' jkun jista' jsir ukoll appell minnha u jkun hemm okkażjoni biex kull irregolarità tissewwa.

21. Il-qorti ma hijiex qiegħda b'hekk tgħid illi kien hemm irregolarità. Tassew, meta jitqanqal episodju – bħalma hu dak tat-talba għal soprasessjoni – li jolqot xi ftit jew wisq il-meritu, jista' jkun meħtieġ illi l-qorti jew tribunal, sabiex jagħti deċiżjoni motivata kif għandha tkun, ikollu ta' bilfors jolqot il-meritu, imqar jekk biex tgħid li ma hemmx ħtieġa tistenna deċiżjoni dwar titolu meta amministrazzjoni hija biżżejjed.

22. L-ilment l-ieħor huwa dwar iż-żmien ta' sitt xhur. L-art. 13 tal-Kap. 573 igħid illi d-deċiżjoni għandha tingħata mit-tribunal "fit-termini indikati fl-artikolu 57(2) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet" ["Kap. 563"]. L-art. 57(2)

---

2 Kap. 573, art. 3

tal-Kap. 563 igħid illi t-tribunal "għandu, wara li jappunta r-rikors għas-smigħ, jiddeċiedi fuq il-mertu wara li jirċievi kull xhieda li jidhirlu xieraq, fl-iqsar żmien possibbli, iżda mhux aktar tard minn sitt xhur mill-jum meta l-applikazzjoni tkun ġiet debitament notifikata".

23. Madankollu, l-art. 81(2) tal-Kap. 573 igħid illi:

> »(2) F'kull żmien, kull Bord, Tribunal jew Qorti li għandhom kompetenza jisimgħu xi proċedura taħt dan l-Att jistgħu għal raġunijiet serji u neċessarji, permezz ta' digriet jestendu għal perjodu raġonevoli ż-żminijiet li huma imposti fuqhom skont dan l-Att. «

24. Fid-dawl ta' din is-setgħa tat-tribunal li jestendi ż-żmien ta' sitt xhur, li jagħti rimedju ordinarju jekk iż-żmien tassew u ġenwinament ma jkunx biżżejjed, kull argument li jgħid illi ż-żmien ta' sitt xhur ma huwiex biżżejjed ma jistax ma jkunx fieragħ. U ma hemmx għalfejn ngħidu wkoll illi sitt xhur ukoll jistgħu jkunu biżżejjed jekk ma jinħeliex ħin f'talbiet irrelevanti – bħalma kienet dik għal soprasessjoni – maħsuba biex joħolqu ostakoli għall-andament regolari tal-proċeduri.

25. Għal dawn ir-raġunijiet id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea kienet deċiżjoni tajba, u l-appell, li l-qorti tqisu fieragħ, sejjer jiġi miċħud.

26. Sabiex ma jkun hemm ebda ekwivoku, din il-qorti tagħmilha ċara illi qiegħda tikkonferma din is-sentenza (ħlief għal dak li sejjer jingħad dwar l-appell inċidentali) biss dwar il-konklużjoni tagħha u mhux ukoll dwar ċerti osservazzjonijiet *obiter* li għamlet l-ewwel qorti li din il-qorti mhux

neċessarjament taqbel magħhom u li, jekk adottati mit-tribunal, jistgħu jwasslu għal konklużjonijiet ħżiena.

27. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali tal-Awtorità tal-Artijiet, li jolqot l-ispejjeż ġudizzjarji.

28. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, din il-qorti tqis illi dan l-episodju kostituzzjonali nħoloq inutilment sa mill-bidunett, u għalhekk ma hemm ebda raġuni għala l-ispejjeż kollha relattivi ma għandhomx iħallsuhom l-atturi li pprovokaw l-episodju. Għalhekk sejra tilqa' l-apppell inċidentali u tordna illi l-ispejjeż kollha, tal-ewwel grad u tal-appelli, iħallsuhom l-atturi.

29. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha safejn l-ewwel qorti għażlet li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u tħassarha fejn iddeċidiet dwar l-ispejjeż; tordna minflok li l-ispejjeż tal-ewwel grad iħallsuhom l-atturi.

30. L-ispejjeż tal-appelli wkoll iħallsuhom l-atturi. Ukoll, billi hija tal-fehma illi l-appell huwa fieragħ, il-qorti, wara li rat il-para. 10 tat-Tariffa A mehmuża bħala Skeda A mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tordna lil kull wieħed u waħda mill-atturi jħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta' ħames mitt euro (€500).

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss